# IL-FRATELLANZA TAL-KARMNU TAL-BELT U L-ISTATWI TAGHHA

P. Serafin Abela, O.Carm.

L-ewwel darba li tissemma l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu u l-purċissjoni fil-kotba tal-Konfraternità tal-Madonna tal-Karmnu, imwaqqfa fil-knisja tal-Karmnu, il-Belt, hija fis-sena 1634. Fir-rendikont tal-prokuraturi tal-Fratellanza, Antonio Bencini u Pietru Meizonat, insibu li fis-16 ta' Lulju 1634 ħallsu 10 tarì lil dawk li refgħu fil-Madonna fil-purċissjoni. Is-sena ta' wara ns'bu li ħallsu skud lil dawk li refgħu lill-Madonna fil-purċissjoni u għal xi spag (1). Milli jidher din l-istatwa ġa' kienet teżisti qabel għax f'Ġunju tas-sena 1632 Fiorentina Vitai irregalat kuruna tal-fidda ndurata lill-Madonna tal-Karmnu (2).

Hemm indikazzjonijiet ċari li t-twaqqif tal-Konfraternità tal-Karmnu tat spinta kbira lill-Festa tal-Madonna tal-Karmnu. Din, għalkemm imwaqqfa uffiċjalment fis-sena 1622, saret attiva ħafna meta bniet l-Oratorju tagħha li allura kellu l-bieb jagħti għal Strada Żekka fissena 1630. Infatti kien għal din il-ħabta li s-sur Cesare Passalacqua għamel minn flusu s-salib u s-sinjuri Simone Borg u Stefano Schembri għamlu minn buthom ukoll iż-żewġ lanterni li jakkumpanjaw lis-salib fil-purċissjoni (3).

F'Lulju tas-sena 1636, il-prokuratur tal-Fratellanza ħallas skud, 4 tarì u 10 grani lil dawk li ġarrew lill-Madonna mill-Oratorju għall-knisja, refgħu l-istatwa fil-purċissjoni u ħaduha lura mill-knisja għall-Oratorju tal-Fratelli (4). Fis-sena 1652 jingħad li l-istatwa kienet toħroġ mhux biss fil-purċissjoni tal-festa, iżda wkoll fil-purċissjoni li kienet issir nhar l-Ottava tal-festa, meta l-prokuratur ħallas 3 tarì għall-inbid għall-irġiel li refgħu l-istatwa nhar il-festa u nhar l-Ottava (5). Għall-ħabta tas-sena 1735 saret statwa oħra. X'sar minnha l-ewwel statwa għadni ma sibtx.

Naqraw fil-Viżta li l-Inkwiżitur Mons. Gregorio Salviati kien għamel lill-kunvent u l-knisja tal-Kamnu tal-Belt Valletta fis-sena 1755, li meta żar l-Oratorju tal-Konfraternità tal-Karmnu kiteb: "Bejn il-kolonni, f'niċċa apposta, tinsab, minflok kwadru, statwa tal-Madonna tal-Karmnu li fi ħdanha fuq ix-xellug għandha lill-Bambin Ġesù u f'idejha l-lemenija l-Labtu mqaddes. Il-Fratelli qalu li din l-istatwa saret madwar għoxrin sena ilu u ħallsu għaliha l-istess Fratelli. Din toħroġ fil-purċissjoni li ssir madwar it-toroq tal-Belt fil-festa tal-Madonna tal-

Karmnu u f'xi ċirkustanzi oħrajn bħal meta jsir talb speċjali għax-xita" (6).

Għaldaqstant, nistgħu ngħidu li din l-istatwa saret għall-ħabta tas-sena 1735. Din l-istatwa għadha teżisti sa llum u tinsab fl-Oratorju tal-Konfratreni tal-Karmnu, il-Belt, fuq l-altar f'niċċa apposta.

Fil-5 ta' Novembru 1779, fl-atti tan-Nutar Francesco Bovio, Napli, sar ftehim bejn is-sur Pasquale Guido f'isem il-Konfraternità u l-iskultur Gennaro Reale f'ismu, biex skond dan il-ftehim l-iskultur Gennaro Reale sa l-aħħar tax-xahar ta' Marzu 1780 jaħdem bl-akbar eżatezza u skond ir-regoli tal-professjoni tkun twila sebat ixbar u kwart, jiġifieri l-figura tkun sitt ixbar u tliet kwadri u l-bażi tagħha tkun għolja nofs xiber; kollox skond il-mudell magħmul mit-tafal mill-istess skultur u bil-kundizzjoni li l-mudell jiġi mpitter kif trid tkun miżbugħa l-istatwa. Il-prezz kien ta' sebgħin dukat ta' Napli, li minnhom l-iskultur Gennaro Reale rċieva tmintax akkont u l-bqija kellu jirċevihom meta titlesta l-istatwa. Jekk l-istatwa ma toħroġx skond ir-reguli tal-professjoni ta' l-iskultura, inkella ma tkunx lesta fid-data mifthema, allura l-Konfraternità setgħet tħassar il-ftehim u tordna oħra għand ħaddieħor u l-iskultur Gennaro Reale jħallas l-ispejjeż u d-danni kollha. Min-naħa l-oħra, jekk l-istatwa tirnexxi, allura s-sur Pasquale Guido kien obbligat li jħallas it-tnejn u ħamsin dukat li kien jonqos u jagħtih rigal kif jidhirlu hu. Ix-xogħol ta' l-iskultura kellu jsir bl-assistenza u l-parir tal-Professur Carlo Mondicello. Biex tintbagħat Malta, l-istatwa kellha titqiegħed ġo kaxxa apposta (7). Il-konsulta ġenerali li saret fid-19 ta' Marzu 1780 fl-oratorju tal-Fratelli approvat dan il-ftehim (8).

Rigward il-pedistall, peress li l-injam tal-pedistall ta' l-istatwa ta' qabel kien għadu tajjeb, inqdew bl-istess injam biex jagħmlu l-pedistall ta' l-istatwa l-ġdida. Ix-xogħol ta' l-injam tal-pedistall sar mill-Mastrudaxxa Eugenio Borg. Tax-xogħol tiegħu u ta' l-iskultur li ħadem fih ħa 43 skud (9).

Skond l-irċevuta li ġġib id-data tas-17 ta' Settembru 1780, il-Konfraternità ħallset lill-Kaptan tax-xwieni Giacobo Burlò Corribo 96 skud 4 tari u 2 grani biex ġiebha minn Napli sa' Malta. Peress li ġiet bix-xini ta' l-Ordni ffrankaw 20 skud tan-nol (10).

L-istatwa waslet Malta njam biss, jiġifieri mingħajr induratura u żebgħa. Għaldaqstant il-Fratelli qabbdu lill-pittur J. Antonio Grech, li kien jaħdem fil-palazz tal-Gran Mastru, San Anton, biex jiżbogħ l-istatwa. Dan ix-xogħol qam 30 skud, minbarra l-ispejjeż tat-trasport għal għandu u lura ta' 1 skud 3 tarì u 10 grani (11). Żebagħ ukoll il-pedistall u għamel l-iskrizzjoni. Ta' dan tħallas 2 skudi u 6 tarì (1).

Għall-induratura ħaduha għand Michele Galdes, li kien wieħed

miż-żewġ kummissarji mqabbda mill-Fratelli biex jieħdu ħsieb ix-xogħol ta' l-istatwa. L-ieħor kien Giuseppe Farrugia. Għall-induratura ta' l-istatwa u tal-pedistall u biex jiżbogħ il-lasti rċieva 20 skud, iżda tahom lura 5 skudi (13).

Il-lasti li kienu tlieta u kienu jqumu skud-il waħda ġew irregalati mis-sur Gio Carlo Biancardi li flimkien mas-sur Donato Giuseppe Farrugia irregala wkoll l-injam li kien hemm bżonn u li kien jiswa' 8 skudi (15).

Saru wkoll żewġ dijademi, waħda għall-Madonna u l-oħra għall-Bambin, tal-landa maħsulin bil-fidda, li qamu 2 skudi u 8 tari (16).

Bħala bukketti għall-pedistall irranġaw tnejn li kienu ta' l-istatwa l-qadima filwaqt li s-sur Luigi Vella u Lorenzo Mamo għamlu t-tnejn l-oħra (17). Filwaqt li għal-labtu tal-Bambin saret pjanċa ġdida, għal-labtu tal-Madonna rranġaw il-pjanċa li kien juża dak li kien joħroġ jiġbor. Biex saru dawn iż-żewġ pjanċi tal-labtijiet u għall-induratura tagħhom ħallsu lill-arġentier Lorenzo Scicluna 2 skudi, 4 tarì u 10 grani (18). Il-labtijiet irrakkmathom b'xejn is-sinjura Caterina Vella, li kienet fratell(19).

L-istatwa u l-pedistall kompliti qamu 451 skud u 12-il grano, li minnhom il-Konfraternità ħallset biss 84 skud 4 tarì u 16-il grano (20). Il-bqija ġew miġbura mill-benefatturi.

L-istatwa ħarġet għall-ewwel darba fil-purċissjoni l-Ħadd fost l-Ottava tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu tas-sena 1782. Ġiet imbierka bis-sollennità kollha u għall-okkażjoni ġiet esposta fl-Oratorju tal-Konfraternità fuq palk apposta fejn issoltu kienet titpoġġa l-katedra tar-rettur. L-Oratorju kien imżejjen mill-aħjar u saru l-primi u s-sekondi vespri u quddiesa bil-mużika. Xegħlu wkoll il-faċċata ta' barra ta' l-Oratorju.

Il-purċissjoni saret bis-solennità kollha u ħadu sehem fiha, wara li ġew mistiedna, il-Fratellanzi tal-Kunċizzjoni, tal-Karità, ta' Santa Monika, tal-Kurċifiss, ta' San Ġużepp u ta' l-Anġlu Kustodju (21).

Illum din l-istatwa tinsab fil-Knisja tal-Karmnu tal-Balluta (S. Ġiljan) għax meta l-Konfraternità tal-Karmnu tal-Belt bniet il-knisja tal-Karmnu ta' San Ġiljan, li fis-sena 1890 tawha lill-Patrijiet tal-Karmnu, lil din l-istess statwa ħaduha fil-knisja tal-Karmnu ta' San Ġiljan.

Kif inhi tradizzjoni tal-Konfraternità tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt, qegħduha fuq l-altar maġġur ġo niċċa. Wara, l-Patrijiet neħħewha minn fuq l-altar u flokha għamlu kwadru tal-Madonna qegħda tagħti l-Labtu lil San Xmun Stock. L-istatwa hija dik li fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu ta' San Ġiljan joħorġuha fil-purċissjoni Din l-istatwa, milli jidher kienet ukoll okkażjoni ta' tilwim bejn il-Konfrater-

nità u l-Patrijiet tal-Kunvent tal-Karmnu tal-Belt. Il-Fratelli talbu lill-Pirjol, P. Eliżew Balzani u lill-Komunità biex jagħtuhom post fil-knisja fejn iqegħdu din l-istatwa biex tkun tista' tiġi miżmuma sewwa. Il-Patrijiet offrewlhom li jqiegħduha f'niċċa ħdejn il-bieb tas-sagristija. Il-Fratelli riedu post fil-knisja, anzi quddiem il-bieb il-falz tal-knisja li kien jagħti għal Strada Żekka. Biex jaqtgħu l-kwistjoni, l-Patrijiet għamlu statwa tagħhom.

Għaldaqstant, fil-festa kienet toħroġ l-istatwa tal-Patrijiet u fl-Ottava tal-festa kienet toħroġ l-istatwa tal-Fratelli (22).

*Nota.—Radd il-ħajr lill-Fratellanza tal-Karmnu li tatni l-faċilità li nfittex fl-Arkivju tagħha.*


Riferenzi:

1. Arkivju tal-Konfraternità tal-Karmnu, Valletta. Vol. CXIII, f.110-110r.
2. Ibid. f.92r.
3. ,, f.91
4. ,, f.204r
5. ,, f.215.
6. A.I.M. Visitatio Ven. Ecc. B.V.M. Montis Carmeli, Vallettae, Tom. I, f.111r.
7. Arkivju tal-Konfraternità tal-Karmnu, Valletta. Vol. XXXIV, f.423
8. Ibid. f.417.
9. ,, f.407.
10. ,,
11. ,, f.409r.
12. ,, ff.413/408
13. ,, f.407.
14. ,, ff.409/413.
15. ,, f.409.
16. ,, f.408.
17. ,, f.407.
18. ,,
19. ,, f.409.
20. ,, f.411.
21. ,,
22. Sammut Laurenz O.Carm., Is-Santwarju tal-Karmnu, pp.72-78.



**For all the latest long play records in Stereo or Mono and for all the single play records in the English, American and Italian Hit Parade.** Call at:

**ANTHONY D'AMATO**

**98 - 99, ST. JOHN STREET, VALLETTA — Tel: 624348**
**BISAZZA STREET, SLIEMA — Tel: 38705**

(The Record Shop with the Record Stock)

*Also in stock:* ALL THE BEST MALTESE RECORDS IN EITHER FOLKLORE OR MODERN MUSIC